695/00DM

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT

DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru 695/00DM

Alfred Baldacchino

vs

Paul Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghal-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) kif intrabatt li jghamel permezz ta' skrittura privata redatta quddiem in-Nutar Mario Bugeja fit-18 ta' Dicembru 1997.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sal-hlas effettiv u bl-ingunzjoni kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Baldacchino fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ghandu jiehu sehmu mill-kirjiet ta' zewg 'garages' li kienu mikrija lil certu Frans Vella, liema kera inzammet mill-attur fis-somma ta' Lm2100, u kwindi l-attur huwa debitur tar-recipjent fis-somma ta' Lm700 rapprezentanti terz tal-kera dovuta lill-eccipjent.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

695/00DM

Ikkunsidrat:-

Illi bil-verbal tat-8 ta' Frar 2001 il-konvenut iddikjara illi effettivament huwa minnhu illi huwa intrabat illi hallas Lm300 (tlett mitt lira Maltin ) lill-attur bl-iskrittura indikata fl-avviz, izda l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi kunsidrata fis-sens illi dan l-amont jinsab imhallas billi huwa ikkumpensat ma kreditu iehor illi huwa jippretendi li ghandhu fil-konfront tal-attur.

Ghaldaqstant jispetta lill-konvenut illi jipprova illi l-kreditu li huwa ghandhu jiehu minn ghand l-attur effettivament jesisti illi huwa likwidu u anke huwa skadut. Izda mill-provi prodotti mill-istess konvenut senjatament mid-deposizzjoni tieghu stess u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-pretenzjonijiet tieghu fil-konfront tal-attur ghadhom nebuluzi u anzi jirrizulta illi jekk ghandhu xi pretenzjoni din ghandha tkun fil-konfront tal-kumpanija PFM Baldacchino Brothers Limited illi fiha hu azzjonist flimkien ma' hutu.

Ghaldaqstant il-konvenut ma wasalx ghal prova illi ghandhu xi kreditu likwidu u skadut fil-konfront tal-kreditur u li dan il-kreditu setgha jigi ikkumpensat mal-ammont illi ghandhu jaghti;

Konsegwentement, il-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Mejju 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

…...............................................

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22